# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **it-Tlieta 18 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Frans Micallef)**

**vs.**

**Michael Rizzo**
**- Omissis -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Gunju 2008 - migjuba kontra:

Michael Rizzo ta' 30 sena bin Emmanuel u Doris nee' Spiteri mwieled Pieta fl-20 ta' April 1977 u li joqghod 33, Zabbar Rd, Paola I.D. 223577M u

*Omissis*

Akkuzati talli:

1. B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli minn Moll tal-Faham, il-Marsa, nhar is-7 ta' Awwissu 2006 u matul il-granet ta' qabel, ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn €233 izda anqas minn €2330, bil-lok u bil-hin.

2. Talli ukoll fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt Liri Maltin (€1165).

3. Lil Michael Rizzo wahdu akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenzi li gew definittivament decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' April 2004 u mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Settembru 2006.

4. Talli ukoll kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Gunju 2005.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrati u decizi bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2012, fejn laqghet it-talba tal-Ufficjal Prosekutur u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

1. Fl-4 ta' Awissu 2006, l-istore manager tal-Malta Shipyards, Joseph Saeta irrapporta li mill-istores taghhom f'Xatt il-Moll, il-Marsa, kien sab xi cable imqaxxar u cable nieqes. Dawn il-cables kienu jitqaxxru u jittiehed ir-ram ta' go fihom, biex imbaghad jinbiegh.

2. Il-Malta Shipyards installaw xi CCTV cameras sabiex jikkontrollaw din l-area.

3. Mir-ritratti li ttiehdu minn dawn is-CCTV cameras gie identifikat *Omissis.*

4. Fis-7 t'Awwissu 2006 fil-ghodu, Lawrence Agius, Deputy Security Manager tal-Malta Shipyards, fi triqtu lejn ix-xoghol ghadda minn quddiem dawn l-istores u nnota karozza bajda pparkjata mal-genb, li qanqlitlu suspetti.

5. Agius flimkien ma zewg gwardjani tal-Malta Shipyards dahlu fl-istores u minn fuq ic-CCTV footage raw persuna hierga mill-karozza b'barzakka f'idejha, tghaddi mill-bieb u tigbed ghad-direzzjoni ta' fejn kien hemm il-cable imqaxxar.

6. Issejhet il-Pulizija u nstabet il-persuna li dahlet gol-istores mohbija go kaxxa tal-injam, li giet identifikata bhala l-imputat.

7. Fuq is-sit instabet ukoll il-barzakka li dahal biha l-imputat, u go fiha kien hemm tlett boroz kbar tal-plastic, sega, tornavit isfar, zewg xfafar kompluti u tlett xfafar sfuzi. Saret tfittxija fil-vettura, li ntuzat mill-imputat, li irrizultat fin-negattiv.

8. Ix-xhud George Gatt, li jahdem bhala part-time ma' scrap dealer f'Hal-Luqa, gharaf biss lill-imputat *Omissis* bhala persuna li kien gablu darbtejn ir-ram biex ibieghhulu.[1]

## Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

<u>*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*</u>

[1] Ara xhieda ta' George Gatt a fol. 83-84 tal-process.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2010, gie verbalizzat hekk *"Dr Andy Ellul ghall-imputat Michael Rizzo jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tigi sfilzata l-istqarrija ta' Michael Rizzo a fol. 74 tal-process u dan stante illi t-twissija li nghatat lilu f'din l-istqarrija kienet timpingi fuq il-volontarjeta ta' dak li qal l-imputat u tali twissija kellha ssir biss in segwitu tad-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat, xi haga li dak iz-zmien ma kinitx ghadha vigenti fil-ligi Maltija."*

Din il-Qorti, diversament preseduta, iddifferriet il-kawza ghat-trattazzjoni fuq din il-kwistjoni. Fis-seduti sussegwenti ma sar xejn ghal raguni jew ohra, u din il-kwistjoni sollevata mid-difiza intesiet, anke mill-istess difiza kif se jinghad iktar il-quddiem.

Skond is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta** l-istqarrija tal-imputat ghandha tigi skartata, jekk is-suspettat ma inghatax id-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju – kif gara fil-kaz odjern, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kinietx taghti dan id-dritt.

Pero fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ghamlet indirettament riferenza ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, meta qalet *"... ... fejn jidher li huwa kien hu li pprova jidhol biex jiehu xi haga, dan ammettieh. Pero s-serq essagg ma sarx, ovvjament l-attentat. ... ... Issa barra minn hekk, huwa ghen anke mal-Prosekuzzjoni meta kien hemm l-ohrajn li kienu mieghu u qal lill-Prosekuzzjoni fejn jistghu isibu lil dawk in-nies ... ..."* Issa l-imputat ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, ghalhekk huwa ovvju li meta l-abbli difensur tal-imputat irriferiet ghal fatt li l-imputat ammetta li ipprova jidhol fil-fond in kwistjoni, hija kienet qed taghmel riferenza ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu.

In vista tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputat stess ghamlet riferenza ghal dak li qal l-imputat lill-Pulizija, qabel kellu l-opportunita' li jiehu parir legali, u dan sabiex tissostanzja l-istess tezi tad-difiza, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

<u>*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*</u>

Kif diga inghad, l-imputat instab mohbi fl-istores tal-Malta Shipyards mill-impjegati tas-sigurta taghha u mill-pulizija. Fil-post instabet ukoll barzakka, li fic-CCTV footage deher qed idahhalha mieghu bl-ghodda necessarja biex jigi mqaxxar il-cable sabiex jittiehidlu r-ram ta' go fih.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu kien qata' xi ftit wire, bejn 7 u 8 metri, biex johodhom mieghu b'kollox. Huwa jghid ukoll li din kienet l-ewwel darba li kien mar fil-fond biex jisraq minn dawn il-cables, biex johdilhom ir-ram.

Effettivament mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kien dahal xi darb'ohra fil-fond sabiex jisraq il-cables, jew biex iqaxxarhom u johdilhom ir-ram.

Il-Prosekuzzjoni gabet biss prova tal-valur kollu tal-cable komplut, li kien ta' LM38,983.[2] Ix-xhud Joe Meli, rapprezentant tal-Malta Shipyard u l-persuna li ghamel l-istima, ma kienx jaf x'insteraq ezatt,[3] - apparti l-fatt li fil-kaz odjern l-imputat ma lahaq seraq xejn, ghax inqabad *in flagrante* fil-fond. Inoltre, jirrizulta kemm mir-ritratti tac-CCTV ezebiti kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, li kien hemm terzi persuni li wkoll kienu qed jiehdu l-cable mill-istores.

Ovvjament, l-imputat irid iwiegeb biss ghar-reat – jew ahjar attentat ta' reat - kommess minnu. Pero mill-provi ma jirrizultax il-valur tas-7 jew 8 metri cable li l-imputat ammetta li kien bi hsiebu jisraq. F'dan in-nuqqas ta' provi, l-beneficcju jrid imur favur l-imputat, u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur, billi kull ma jirrizulta huwa dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu.

Inoltre, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li l-fence tal-grada kienet imqatta'. Lawrence Agius, Deputy Security Manager tal-Malta Shipyards, xehed li fuq ic-CCTV *"rajna persuna hierga mill-karozza, tghaddi mill-bieb u tigbed ghad-direzzjoni fejn kien hemm il-cable imqaxxar".*[4] PS 1439 John Tabone xehed li Victor Dalmas, bhala Head Security tal-Malta Shipyards kien infurmah minn fuq il-filmat raw li *"ghall-habta tas-6.30a.m. vettura bajda tieqaf u ragel diehel minn taht il-gate."*[5] Ghalhekk mill-provi ma jirrizultax li l-imputat qatta'

[2] Ara Dok FM a fol. 21 tal-process
[3] Ara xhieda ta' Joe Meli a fol 61 u 62 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Lawrence Agius a fol. 49 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' PS 1439 John Tabone a fol. 33 tal-process.

l-fence jew b'xi mod ghamel xi sgass sabiex jidhol fl-istores, imma ghadda minn taht il-grada. Konsegwentement ma giex ippruvat li dan l-attentat ta' serq huwa kwalifikat bil-mezz.

PS 1439 John Tabone xehed li skond ma' kien qallu Victor Dalmas, l-imputat wasal bil-vettura tieghu ghal habta tas-6.30a.m. u wara li hareg minnha dahal mill-ewwel fl-istores. Issa dan l-attentat ta' serq sar fix-xahar ta' Awwissu. Issa huwa fatt li l-Qorti tista' tiehu *judicial cognisance* tieghu li matul ix-xahar ta' Awwissu ix-xemx f'Malta titla qabel is-6.30a.m. Konsegwentement, dan l-attentat ta' serq lanqas huwa kwalifikat bil-hin.

Pero jirrizulta li dan l-attentat ta' serq huwa kwalifikat bil-lok stante li l-cables kienu qeghdin f'mahzen jew tarznar tal-Gvern, ai termini tal-Artikolu 269(d).

It-tieni imputazzjoni u cioe dik ta' hsara volontarja lanqas giet ippruvata, stante li ma jirrizultax li bil-fatt li l-imputat qata' bicciet mill-cables, huwa kkagunalhom xi hsara.

It-tielet imputazzjoni u cioe dik tar-recidiva giet debitament ippruvata bis-sentenzi ezibiti.

Ir-raba' imputazzjoni, u cioe li l-imputat kiser l-ordni ta' Probation imposta fuqu minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tas-6 ta' Gunju 2005, giet debitament ippruvata bis-sentenza ezebita.

*__Il-Piena__*

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza ma ghamlitx sottomissjonijiet dwar il-piena.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati li kiser ordni ta' probation, is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[6] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht

---

[6] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[7] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandhiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva ghar-reat ta' attentat ta' serq kwalifikat bil-lok, li tieghu sabitu hati. Inoltre, din il-Qorti trid tittratta mal-imputat ghall-ksur tal-ordni ta' probation.

Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggiornata tal-imputat. Minn din il-fedina jirrizulta li l-imputat ghandu sittax (16)-il kundanna minn dawn il-Qrati, u fosthom hames (5) kundanni relatati ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan, hames (5) kundanni ghal serq aggravat, tlett (3) kundanni ghal falsifikazzjoni ta' skritturi u truffa u tlett (3) kundanni ghal pussess semplici ta' droga.

Il-Qrati taw lill-imputat diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu, fil-fatt mill-fedina penali jirrizulta li tqieghed taht tlett (3) ordnijiet ta' probation, pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet, tant li spicca jiskonta piena karcerarja tlett darbiet ohra.

Pero huwa veru wkoll li r-reati gravi jmorru lura ghas-sena 2011, b'reat inqas gravi fl-2012. Ghalhekk jidher li mill-2013 l-imputat ma regghax xellef difrejh mal-gustizzja. Fil-prezent jidher li l-imputat jinsab taht ordni ta' probation moghti lilu b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tad-19 ta' Gunju 2017, peress li nstab hati ghal reat kommess fl-2011.

Is-sottomissjoni tad-difiza fit-trattazzjoni orali li l-imputat ikkollabora mal-Ufficjal Prosekutur biex jinqabdu nies ohra li kienu qeghdin jisirqu l-cable jew ir-ram tieghu mill-istores in kwistjoni m'hi bl-ebda mod sorretta mill-provi. Anzi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu sar jaf b'dawn l-istores ghaliex kien sema' tnejn min-nies jitkellmu dwarhom u dwar il-cables mahzuna fihom, izda meta gie mistoqsi min huma dawn in-n-nies huwa wiegeb *"ma nafx min huma"* ghax semaghhom jitkellmu waqt li kien il-pjazza ta' Rahal Gdid.

---

[7] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2009, pero l-imputat baqa' jkarkar biex itella' l-provi sas-seduta tal-10 ta' Jannar 2018, meta iddikjara li m'ghandux provi xi jressaq, u l-unici provi li ressaq huma dwar l-istat ta' sahha tal-mara tieghu. Dan id-dewmien hu dovut principalment ghall-imputat, li fil-maggoranza tas-seduti ma kienx jattendi, u ghal snin hela l-hin u r-rizorsi tal-Pulizija u ta' din il-Qorti sabiex jigi rintraccat.

Mic-certifikat mahrug mill-isptar Mater Dei fis-26 ta' Novembru 2017[8] - li incidentalment ma giex mahluf bil-gurament u huwa biss fotokopja mhux awtentikata – jirrizulta li dak iz-zmien mart l-imputat kellha marda serja li kienet qeghda tigi kkurata, u jidher li kellha tibqa' tigi ikkurata ghall-ewwel xhur ta' din is-sena. Pero l-imputat ma ressaq l-ebda provi ulterjuri dwar sahhet il-mara tieghu. Dan nonostante, in vista tal-mard tal-mara tal-imputat, il-Qorti sejra tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u minkejja li l-imputat kiser kemm il-darba id-digriet taghha tal-10 t'Ottubru 2014, mahrug taht l-Artikolu 412A tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti mhix sejra tordna li l-garanzija personali ta' €2,500 fih imposta, tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti m'ghandhix xelta hlief li tinfliggi piena karcerarja fuq l-imputat. L-imputat instab hati ta' attentat ta' serq aggravat bil-lok. Skond l-Artikolu 281 tal-Kodici Kriminali, il-piena ghal serq aggravat bil-lok dik ta' prigunerija minn minimu ta' seba' xhur ghal massimu ta' sentejn. Ai termini tal-41 tal-Kodici Kriminali, b'kaz ta' attentat ta' reat meta d-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi. Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni tal-piena ghad-delitt ikkunsmat ghandha tigi imnaqqsa bi grad. Pero dan it-tnaqqis huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputat instab hati wkoll li hu recidiv, u l-Qorti hija tal-opinjoni li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-piena ghandha tizdied bi grad, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

L-imputat instab hati wkoll li kiser l-Ordni ta' Probation moghtija lilu minn din il-Qorti, diversament preseduta, bis-sentenza tas-6 ta' Gunju 2005, fuq imsemmija. Konsegwentement

[8] Ara fol. 141 tal-process.

din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat Rizzo ghar-reati li taghhom instab hati b'dik is-sentenza, kif jippreskrivi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tinflinggi piena ghar-reati li taghhom instab hati f'dik is-sentenza. F'dik is-sentenza, l-imputat instab hati ta' pussess semplici tad-droga eroina u tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh u qed tilliberah minnha.

2. Wara li rat l-Artikoli 261(e), 269(d), 281(a), 41(1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni fit-totalita taghha dedotta kontrieh, izda issibu hati limitatament ghar-reat kompriz u involut ta' attentat ta' serq aggravat bil-lok, u qed tilliberah mill-kumplament tal-aggravji tas-serq imsemmija fl-ewwel imputazzjoni, u issibu hati wkoll tat-tielet imputazzjoni. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

3. Issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tas-6 ta' Gunju 2005 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u konsegwentement din il-Qorti qeghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation ordnat bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 21(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 9 ta' Government Notice 292/1939 u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal piena ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu

14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' wiehed u ghoxrin Euro (€21.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**